# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-13-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 28 ta' April 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**13.01 Talba**

13.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**13.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

13.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**13.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numr 12**

13.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 12 ġew approvati unanimament wara żewġ emendi mressqa mis-Sindku dwar minuti 12.04.07 u 12.09.07, u emenda mressqa mill-Viċi Sindku dwar minuta 12.10.05. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Ghigo ssekonda.

**13.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.04.01 Is-Sindku rreferiet għall-messaġġ li bagħtet fiċ-*chat* tal-Kunsillieri rigward it-terminu ta' mpjieg tal-librara. Hija spjegat li dan sar minħabba l-attitudni tal-librara li kienet qed taffettwaw b'mod negattiv lill-istudenti tal-iskola inkluż l-għalliema u l-Kap tal-Iskola, għaliex is-servizz ma kienx qed jingħata kif mistenni. Is-Sindku talbet laqgħa mal-*Malta Libraries*, mal-Kap tal-Iskola, kif ukoll mal-istess Librara, iżda l-librara ma tfaċċatx għal-laqgħa peress li l-laqgħa ma titħallasx għaliha. Is-Sindku għamlitha ċara li hemm bżonn bidla fil-librara, fejn il-*Malta Libraries* qablu dwar dan, u għaldaqstant ġiet imwaqqfa Ms Camilleri, filwaqt li nstabet librara oħra biex toffri temporanjament is-servizz minflokha, sakemm toħroġ il-vakanza mill-ġdid biex eventwalment il-post jimtela minn librar/a ieħor/ra. Il-Kunsillieri preżenti qablu li terġa' toħroġ il-*call* u f'dan il-punt inħatar il-bord tal-għażla li se jkun kompost mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Sciberras.

13.04.02 Is-Sindku semmiet il-każ tal-linji sofor tat-triq fi Triq Dun Giacomo Tortella, fejn dawn ġew imħassra minn resident. Sid il-*garage* li kien talab biex isiru, għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija dwar dan. L-*enforcement officers* ta' *TM* ġew ukoll fuq il-post, u ladarba il-linji msemmija kien hemm l-approvazzjoni tagħhom mill-istess *TM*, dawn mhux suppost li

tħassru u jinħtieġ li jerġgħu isiru. Is-Sindku talbet l-assistenza tal-pulizija għal waqt li l-ħaddiema tal-Kunsill penġew mill-ġdid il-linji. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.04.03 Is-Sindku infurmat li kellha talba għall-*ispeed limit signs* fi Triq Ġorġ Martin, kemm dawk impenġija mal-art kif ukoll il-*warning signs*. Il-Kunsillieri qablu li dawn isiru filwaqt li s-SE infurmat li se tressaq it-talba għall-approvazzjoni ta' TM. Is-Sindku semmiet ukoll l-ħtieġa li l-istess *speed limit signs* isiru wkoll fi Triq San Bażilju fejn riċentement residenta infurmatha li qed ikun hemm sewqan eċċessiv tant li riċentement ittajjret u nqatlet anke qattusa. Is-SE qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-istess residenta, fejn din qed titlob sabiex isiru jew *speed limit signs* jew *road humps*. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dan fejn kien hemm qbil li jsiru l-ispeed limit signs, filwaqt li tinħtieġ li ssir konsultazzjoni mar-residenti fi Triq San Bażilju dwar jekk għandhix issir *road hump* fit-triq.

13.04.04 Is-Sindku qalet li se nirratifkaw dwar l-oġġezzjoni li l-Kunsill kien qabel li għandu jressaq dwar l-applikazzjoni PA/01738/25 - *Plot D, Undeveloped site, Triq Xandru Farrugia & un-named pedestrian access off, Triq Xandru Farrugia, Mqabba - To excavate and construct basement consisting in 7 garages accessible from adjacent block, 2 maisonettes and 1 apartment at ground floor plus overlying 9 apartments at first, second and third floor (3 per floor).* Dan wara li l-Awtorità tal-Ippjanar emendat l-applikazzjoni u ma baqgħetx turi li s-sit jinsab f'ODZ. Il-Kunsillieri irriaffermaw din id-deċizjoni.

13.04.05 Is-Sindku infurmat li attendiet għall-*information meeting* dwar l-applikazzjoni *PA 350/22 - Site at Quarry No. 48, formally No. 38, Triq il-Belt Valletta, Sqaq Nru. 2, Mqabba.* Hija qalet li waqt il-laqgħa kien hemm kemm min qabel u kemm min ma qabilx dwar din l-applikazzoni, fosthom dwar il-fatt li l-*crusher* tkun waħda mobbli. Is-Sindku infurmat ukoll li l-avukat tal-Kunsill ippreparat d-dokumentazzjoni meħtieġa, għal waqt il-*public hearing* li huwa skedat għat-8 ta' Mejju 2025 fejn kemm l-avukat kif ukoll il-perit se jkunu preżenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

13.04.06 Is-Sindku tkellmet dwar talba li saritilha minn resident fi Triq Baskal Xuereb sabiex man-naħa tal-ħajt tas-sejjieħ fl-imsemmija triq, isiru jew *parking bays* jew jiġu nstallati xi bankijiet. Dan sabiex jitnaqqas il-parkeġġ irregolari li qed isir. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi jekk tiġi mplimentata waħda minnhom, fejn fl-aħħar qablu li ladarba m'hu se jissolva xejn, għandu jibqa' kollox kif inhu.

13.04.07 Is-Sindku qalet li se nirrattifikaw dwar l-iskala ta' kif kellha toħroġ il-vakanza biex jimtela l-post minflok l-*Assistant Principal* li kienet ingaġġata mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Is-SE spjegat li skont il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali li ġie ffirmat iktar kmieni din is-sena, inbdilu il-gradi u l-iskali tal-impjegati. Għaldaqstant minkejja li l-Kunsill kien qabel li l-*call* kellha toħroġ ekwivalenti għal *Assistant Principal Scale 11*, l-eqreb li stajna mmorru huwa għal *Administration Officer 1* fi Skala 12 /11. Il-Kunsillieri qablu ma' dan filwaqt li f'dal-punt inħatar ukoll il-Bord tal-Għażla li se jkun kompost mis-Sindku, mill-Kunsillier Galea u mill-Kunsillier Ghigo.

13.04.08 Is-Sindku semmiet il-problemi li riċentement qed ikollna rigward it-trasport pubbliku fir-raħal. Hija infurmat li waqt il-laqgħa li kellha TM, ġew diskussi iż-żewġ problemi eżistenti – li minn Mater Dei, ix-xufiera mhux qed iniżżlu n-nies fil-Pjazza, jerġgħu jgħabbu, u jmorru Triq il-Qrendi; apparti li hemm minnhom li lanqas biss qed jgħaddu mill-Pjazza – u li l-ħin ta' stennija qed ikun ħafna itwal minn dak li kellu jkun, fejn anke qed jinbidlu tar-

rotta minn 117 għal 218. Waqt il-laqgħa, is-Sindku insistiet mar-rappreżentanti ta' TM u tal-MPT, li kif kienu ilu jitlob il-Kunsill biex isir, ir-rotta trid tiġi li minn Mater Dei iniżżlu fil-Pjazza, jibqgħu sejrin fi Triq il-Qrendi, ikun hemm l-istennija, titlaq u terġa' tgħaddi mill-Pjazza, u tibqa' sejra. Dan is-suġġeriment qablu fuqu u se jiġi diskuss internament fejn appena jkunu se jibdew jaħdmu b'dal mod, il-Kunsill se jiġi notifikat biex jilħaq jinforma u jispjega lir-residenti dwar dan. Il-venda se ssir faċċata ta' fejn tinsab illum fi Triq il-Qrendi. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.04.09 Is-Sindku infurmat li fi Ġnien Onġi Onġella, inżebgħat mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-parti fejn qabel kien hemm is-*soft flooring*. Hija kompliet li fid-9 ta' Mejju 2025, jagħlaq il-*consultation period* fejn min-naħa tal-ERA mhux suppost li se jkun hemm iktar *issues* rigward is-siġar. B'hekk se jkun jista' jitkompla l-proċess għad-deċiżjoni tal-applikazzjoni.

13.04.10 Rigward l-attività kulturali "Stilel Taħt il-Kampnar" tas-Sibt 3 ta' Mejju 2025, is-Sindku infurmat li l-*Artistic Director*, avviċina lil kantanti oħra li kienu disponibbli biex ikantaw waqt din l-attività, minflok Gaia Cauchi li minħabba *recording* li għandha barra minn Malta, ma tistax tkun magħna kif kien pjanat. Il-kantant Drakard se jkun qed ikanta minflokha. Is-Sindku kompliet li l-Każini tal-Banda u tal-Futboll, aċċettaw li jarmaw il-bars. Il-bqija, l-attività se tittella' eżattament kif kienet pjanata li ssir f'Ottubru 2024.

13.04.11 Is-Sindku infurmat li l-*World Book Day* se tkun qed tittella' nhar is-Sibt 10 ta' Mejju 2025 bi qbil mar-Reġjun Punent. Din is-sena ser issir b'kollaborazzjoni wkoll mal-Imqabba FC u se ssir ġewwa l-Imqabba FC Ground, fejn il-kirja tammonta għal EUR 200. Waqt din l-attività se jkun hemm il-*bouncy castle* kif ukoll *maskot*, il-kotba għall-bejgħ u l-*istory telling*, fejn fl-aħħar tingħata tifkira lil dawk kollha li jattendu. Il-poster tal-attività ħareġ ukoll u tajjeb li t-tfal jiġu mħeġġa sabiex jattendu. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.04.12 Is-Sindku qalet li se tkun qed torganizza Ġurnata għal Għawdex, fejn se tipprova tagħmilha nhar it-28 ta' Mejju 2025. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.04.13 Rigward l-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li issa għandna lest il-membrane ta' fuq il-bjut, il-fili ta' fuq in-naħa ta' barra tal-binja, u t-taraġ li jagħti għal ġol-kantina. Beda x-xogħol fuq l-injam tal-aperturi kif ukoll fuq il-fili ta' fuq in-naħa ta' ġewwa tal-binja. Is-Sindku semmiet ukoll li b'rabta mal-Isptar il-Qadim, jinħtieġ li toħroġ *tender* oħra għat-tgħamir tal-binja b'għamara tal-uffiċini u sistema ta' *network*. Il-Perit tal-Kunsill diġà pprovdilna *BOQ* għall-għamara fejn is-SE se tkun qed tikkomunika mas-Sur Adrian Mifsud biex jibda jaħdem fuq dan it-*tender*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

13.04.14 Is-Sindku semmiet ukoll it-*tender* tax-Xogħlijiet tat-Toroq, fejn fost oħrajn tinkludi manutenzjoni ta' bankini u *patching*. Is-Sur Adrian Mifsud lesta d-*draft* tat-*tender* u qed jistenna min-naħa tal-Kunsill jekk hemmx emendi xi jsiru fih qabel ma jiġi ppubblikat. Is-SE se tiċċekkja jekk iċċirkulatx id-dokument mal-Kunsillieri, ħalli jekk hemm bżonn, issir anke laqgħa mas-Sur Mifsud. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.04.15 Is-Sindku infurmat ukoll li l-manutenzjoni fi Triq tas-Sejba, tlestiet ukoll minn IM appena tlestew it-testijiet neċessarji fuq it-triq. Il-Kunisllieri ħadu nota ta' dan.

13.04.16 Is-Sindku ssuġġeriet li għall-ftuħ uffiċjali tal-Isptar il-Qadim kif ukoll għal Jum l-Imqabba, it-*tokens* għandhom ikunu pittura li tkun relatata mar-raħal u mhux *token* kwalunkwe

bħalma ingħataw fis-snin preċedenti. Hija semmiet li bħala artisti, kellha x-xorti tara wirja ta' pittura magħmula mit-tifel tal-Kunsillier Ghigo li għoġbuha mmens, u ssuġġeriet li għandna naraw x'jista' joffrilna min-naħa tiegħu bħala artist rigward it-*tokens* imsemmija. Il-Kunsillieri preżenti qablu dwar dan filwaqt li l-Kunsillier Ghigo ddikjara kunfllitt ta' interess.

**13.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

13.05.01 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-marki tat-triq fi Triq tas-Sejba. Is-Sindku infurmat li dawn kellhom isiru appena jaslu xi *parts* li kienu qed jistennew għall-*belisha beacon lights* taż-*zebra crossing*. Is-SE kompliet li qed tikkordina bejn KOPTASIN u l-LESA rigward immaniġġjar tat-traffiku biex ikunu jistgħu isiru l-marki tat-triq li jinkludu ż-*zebra crossing* u l-kumplament tal-marki tat-triq kollha. Il-Kunsillier Galea staqsa wkoll dwar is-siġra taż-żebbuġ li bl-approvazzjoni tal-*ERA* inqalgħet minn Triq tas-Sejba u inżergħat fi Ġnien M'Ang Sapiano. Is-Sindku infurmatu li s'issa l-*ERA* għadha ma tatx l-approvazzjoni biex is-siġra terġa' titneħħa minn Ġnien M'Ang. Il-Kunsillier Galea staqsa wkoll dwar il-parti ta' Triq it-Troll li saret *One-Way*, fejn is-Sindku qaltlu li dik kienet marbuta mal-approvazzjoni ta' TM biex tkun tista' ssir iż-*zebra crossing* fi Triq tas-Sejba. Hija qalet li d-diżinn kien preżentat waqt il-laqgħat u xi Kunsillieri kkonfermaw dan.

13.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-*reinstatement* fi Triq il-Qattara, fejn is-SE qaltlu li ma rċevejna l-ebda rispons, lanqas wara li l-avukat kiteb lil TM f'isem il-Kunsill biex il-kuntrattur responsabbli jingħata struzzjonijiet biex iwettaq ix-xogħol kif suppost. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

13.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar is-*CCTV Cameras* li ġew installati fosthom dawk fil-Pjazza. Is-SE spjegat li kien hemm problema min-naħa tal-*ISP (GO plc)* fejn għandha tiġi riżolta iminentement. Is-Sindku kompliet li appena l-*cameras* se jkunu qed joperaw totalment, anke fuq struzzjonijiet tar-Reġjun, se navżaw lil-*LESA* biex jibda jsir il-moniteraġġ min-naħa tagħhom. Il-membri tal-Kunsill se jinżammu infurmati wkoll dwar dan.

13.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar it-trinka fi Triq tas-Sejba minn Rockcut. Is-SE infurmat li ma rċivejna l-ebda rispons, filwaqt li l-Kunsillier Galea li għandna nikkupjaw lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar meta jistgħu jibdew isiru l-permessi biex ikun jistgħu jarmaw il-kiosks fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Is-SE qaltlu li dawn jistgħu jibdew minn xahar qabel il-festa, u cioè minn nofs Mejju 'l hemm. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

13.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux possibbli li tinbidel il-bandiera l-kbira tal-Kunsill fi Triq Valletta k.m Triq il-Konvoj minħabba li hija wisq kbira, tant li anke fil-luttu għall-Papa, ma setax tinżel mezza lasta kif suppost. Il-Kunsillieri preżenti qablu li din għandha tinbidel u tiġi tal-qies, kif ukoll se tiġi ordnata wkoll bandiera tal-Papa wkoll.

13.05.07 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar it-talba għal *road hump* fi Triq iż-Żurrieq kważi kantuniera ma' Triq il-Familja Brancati. Is-SE qaltlu li se tiffolowja l-każ ma' TM peress li t-talba ilha saret min-naħa tal-Kunsill, filwaqt li jekk hemm l-approvazzjoni ta' TM, se tmexxi l-ordni għaliha. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**13.06 Festa Madonna tal-Ġilju 2025**

13.06.01 Is-Sindku infurmat li nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025, se ssir laqgħa mal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, dwar il-preparazzjoni għall-Festa tal-Ġilju biex jiġi diskuss fost l-oħrajn dwar permessi u għeluq ta' toroq waqt il-festa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**13.07 Mozzjoni: "Nindirizzaw il-problema tal-parkeġġ billi niżviluppaw taħt Ġnien Onġi Onġella f'Misraħ il-Fidwa"**

13.07.01 Is-Sindku talbet lis-SE taqra l-Mozzjoni rċevuta nhar il-11 ta' Marzu 2025, u iffirmata mill-proponent il-Kunsillier Galea u mis-sekodant il-Kunsillier Sciberras. Il-Kunsillier Galea tkellem fid-dettall dwar din il-Mozzjoni fejn huwa spjega li din tittratta dwar proġett ta' parkeġġ li huwa ferm bżonnjuż u li għadu fiċ-ċans li jsir ladarba l-proġett ta' bini mill-ġdid ta' Ġnien Onġi Onġella, fejn propju taħtu qed jiġi propost li jsir il-parkeġġ ta' madwar 150, għadu ma nbedix. Biex dan iseħħ hem żewġ opzjonijiet – jew li jiġi ffinanzjat mill-Gvern Ċentrali fejn hekk ikun qed jinvesti f'lokalità fil-pajjiż – jew inkella li jsir *Private Public Partnership* fejn l-art tiġi devoluta lill-Kunsill biex eventwalment tinħareġ it-talba għall-*PPP*. Il-Kunsillier Galea insista fuq il-problema ta' parkeġġ li kibret sew fl-Imqabba u li din tista' tittaffa permezz ta' proġett bħal dan.

13.07.02 Il-Kunsillier Sciberras qabel ma' dak kollu li qal il-Kunsillier Galea rigward din il-Mozzjoni.

13.07.03 Is-Sindku qalet li fil-bidu ta' din il-Leġislatura, hija ma sabitx l-għajnuna finanzjarja li talbet mingħand entità li setgħet tgħin sabiex jiġi ffinanzjat il-proġett tal-ġnien filwaqt li l-Kunsill jaħdem fuq il-parkeġġ ta' taħtu. Hija kompliet li skont il-Perit tal-Kunsill, meta tikkunsidra t-tħaffir u r-ranep, jidher li mill-ispazju li hemm mhux se jibqa' wisq x'jiġi ggwadanjat bħala parkeġġ. Jinħtieġ ukoll li jsir *feasable study* dwar dan, li jiswa eluf ta' ewros, li l-Kunsill ma jaffordjax. Apparti minn hekk il-proġett tal-ġnien ilu wisq pendenti fejn l-applikazzjoni għadha ma ġietx approvata fosthom peress li l-ERA qed tinforza ħafna rigward is-siġar u għaldaqstant ċertu siġar mhux faċli li jitneħħew mill-ġnien. Ir-residenti qed jistennew bil-ħerqa dal-ġnien bil-bandli biex jitgawda minn uliedhom. Għaldaqstant, meta tikkunsidra kollox, minkejja li l-proġett huwa wieħed tajjeb u bżonnjuż, mhux vijabbli li jsir fis-sit imsemmi.

13.07.04 Il-Viċi Sindku qabel ma' dak kollu li qalet is-Sindku. Huwa kompla li minkejja li jaqbel mal-proġett, il-fatt li qed neħlu min-naħa tal-ERA, ma jaqbilx li dan għandu jsir.

13.07.05 Il-Kunsillier Ghigo qabel ma li ntqal mis-Sindku u mil-Viċi Sindku. Huwa żied li jaqbel li hemm problema ta' parkeġġ fir-raħal iżda minħabba l-*feasable study* li jiswa ħafna flus u minħabba l-problemi mal-ERA, ma jabilx li l-proġett għandu jsir.

13.07.06 Il-membri preżenti ddiskutew fit-tul rigward il-fatt li din il-Mozzjoni ma ġietx aċċettata fil-laqgħa preċedenti peress li ma kienetx iffirmata, fejn saret referenza wkoll għal-liġi dwar dan, u ssemmiet ukoll bħala eżempju, Mozzjoni oħra li fil-passat għaddiet anke jekk ma kienetx iffirmata fil-passat. Id-diskussjoni kompliet fit-tul ukoll dwar l-opzjoni tal-PPP.

13.07.07 Il-Kunsillieri preżenti ħadu vot fuq din il-Mozzjoni u ġew 2 favur, 3 kontra, 0 astenzjonijiet – Il-mozzjoni biex isir parkeġġ taħt Ġnien Onġi Onġella, m'għadditx.

**13.08 Mozzjoni: "Mozzjoni dwar l-Użu ta' Art Pubblika fi Triq Ġorġ Martin, L-Imqabba"**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


13.08.01 Is-Sindku talbet lis-SE taqra l-Mozzjoni rċevuta nhar il-16 ta' April 2025, u iffirmata mill-proponent is-Sindku u mis-sekodanti il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Ghigo. Is-Sindku tkellmet fid-dettal dwar din il-Mozzjoni fejn hija spjegat li hi flimkien ma' sħabha l-Kunsillieri, identifikat biċċa art tal-Gvern ta' 1954 metri kwadri fi Triq Ġorġ Martin k.m. Triq il-Ħajt tal-Matla. Hija kompliet li biex napplikaw mal-Awtorità tal-Artijiet biex jagħtina d-devoluzzjoni ta' biċċa art, irid ikun hemm pjan dwar fhix se tiġi żviluppata l-art u mhux sempliċimemnt biex isir parkeġġ biss. Għaldaqstant għalhekk qed jiġi propost li fuq isir spazju rikreattiv u sportiv fin-nuqqas ta' dan fir-raħal, fejn imbgħad taħt ikun hemm parkeġġ li tant hemm bżonnu speċjalment f'dik iż-żona u *cioè* n-naħa ta' wara l-ġibjun. Dan il-proġett jista' jsir bil-kollaborazzjoni tal-Gvern Ċentrali u ta' entitajiet u aġenziji oħra li jistgħu jgħinu fl-iffinanzjar tiegħu.

13.08.02 Il-Viċi Sindku qabel ma' dak kollu li qalet is-Sindku u ma kellu xejn xi jżid iktar.

13.08.03 Il-Kunsillier Ghigo qal li huwa pass għaqli li fl-Imqabba jkollna wkoll spazju sportiv li jista' jintuża b'xejn mir-residenti tagħna minflok ma jkollhom iħallsu biex jużaw faċilitajiet sportivi oħra u barra r-raħal.

13.08.04 Il-Kunsillier Galea ikkummenta li dan il-proġett propost huwa kważi l-istess bħal dak propost fil-Mozzjoni ta' qabel din. Is-Sindku spjegat li dan mhux proġett li se jkun amalgamat ma' proġett ieħor fejn diġà hemm permess għaddej. Huwa kompla li ladarba hemm iktar bini tiela', dan il-proġett se jkun qed jakkomoda lil min se jmur jgħix hemm. Hawnhekk is-Sindku ddikjarat li m'għandha l-ebda konnessjoni ma' xi żviluppaturi li se jkunu qed jiżviluppaw l-*area*, u li m'hu se jsir l-ebda *barter*. Hija talbet lill-Kunsiller Galea sabiex jissostanzja dak li ddikjara filwaqt li huwa qal li din kienet mistoqsija biss. Is-Sindku żiedet tgħid li hija kontra l-*PPP* u l-aħjar li jkun *free parking for all*. Il-Kunsillier Galea irrimarka wkoll, li jekk hemm problema finanzjarja biex isir parkeġġ taħt Ġnien Onġi Onġella, f'dan is-sit m'hemmx problema finanzjarja? Is-Sindku spjegat li l-Ministru tal-Infrastruttura għadu kemm ħabbar dwar diversi sistemi ta' parkeġġi apparti li dan il-proġett propost huwa totalment differenti għax m'hemm xejn li jista' jżommok, bħal pereżempju siġar. Jekk ikun hemm qbil li l-proġett isir, allura hi tibda taħdem biex tara minn fejn il-Kunsill se jingħata l-għajnuna biex dan jiġi ffinanzjat.

13.08.05 Il-Kunsillieri preżenti ħadu vot fuq din il-Mozzjoni u ġew 4 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni – Il-mozzjoni biex issir faċilità sportiva u parkeġġ taħtha fi Triq Ġorġ Martin, għaddiet.

**13.09 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

13.09.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**13.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

13.10.01 Korrispondenza li diġà kienet ġiet diskussa rigward problema ta' aċċess ta' garage fi Triq Mons Alfons Caruana minn meta saru l-parking bays. Is-Sindku semmiet ukoll il-humps li kien issuġġerixxa l-Viċi Sindku li jsiru fil-bays fl-istess triq biex il-vetturi li jipparkjaw fihom jieqfu mal-humps u jiġi evitat li l-bumpers jitilgħu sa fuq il-bankina li tiġi inaċċessibbli. Saret diskussjoni dwar dawn fejn ġie deċiż li dawn għandhom isiru ladarba l-parking bays mhumhix dawk li jinsabu faċċata tal-garage imsemmi għaliex mhux se jżidu

mal-problema jekk il-body tal-vetturi joħroġ iktar lejn it-triq bl-imsemmija humps. Is-SE uriet il-filmat ta' sid il-garage jipprova jimmanuvra biex jaċċessa l-garage, fejn il-Kunsillieri preżenti qablu li m'hemmx problema t'aċċess kif qed jingħad. Għaldaqstant se jibqa' kollox kif inhu.

13.10.02 Korrispondenza mingħand resident fi Triq Valletta li talab sabiex il-Kunsill jagħmel il-bankina quddiem il-binja l-ġdida tiegħu. Is-S.E. qalet li hija infurmatu li bħalissa ninsabu fi proċess li tinħareġ it-tender għax-xogħlijiet tat-triq, u il-bankina mhux possibbli li ssir daqshekk malajr. Intant ir-resident qal li jekk iweġġa' xi ħadd li jmur għandu mal-kumplament tal-bankina eżistenti, se jżomm lill-Kunsill responsabbli. Il-Kunsillieri qablu li qabel ma joħroġ it-tender, ma tistax issir il-bankina.

13.10.03 Korrispondenza mingħand residenta fi Triq Dun Ġeraldu Mangion dwar problema ta' aċċessibiltà tal-garage tagħha. Il-Kunsillieri qablu li għandhom isiru d-*double yellow lines* fuq kull naħa tal-garage imsemmi.

13.10.04 Korrispondenza mingħand resident dwar skart illegali mormi fit-triq, fl-inħawi ta' Sqaq Buhar, li minkejja li sar rapport mir-resident anke mad-Dipartiment tal-Indafa, dan l-iskart xorta waħda baqa' ma tneħħix anzi qiegħed dejjem jiżdied. Il-Kunsillieri qablu li nkellmu lill-dipartiment dwar dan.

**13.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

13.11.01 Il-Viċi Sindku semma t-tabella '*To Clean After Your Dog*' li kien issuġġerixxa fil-laqgħa preċedenti biex teħel fi Sqaq Nru 2 fi Triq il-Parroċċa, fejn qal li din trid teħel fi Sqaq 4 u mhux fi Sqaq 2. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.11.02 Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment biex teħel tabella '*To Clean After Your Dog*' ġewwa l-Ġnien Misraħ Missjoni ż-Żgħira, biswit l-outdoor gym peress li qed iħallu l-klieb iħammġu fuq it-turf. Il-Kunsillieri qablu li t-tabella se ssir għal xejn filwaqt li issa se jkun hemm il-cameras joperaw fl-istess ġnien.

13.11.03 Il-Kunsillier Galea talab biex il-hedge tal-Ġnien Onġi Onġella jinżabar ftit għaliex hemm xi zkuk ħerġin għal fuq il-bankina. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur jieħu ħsiebu fuq bażi regolari, madanakollu xorta se nkellmuh dwaru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.11.04 Il-Kunsillier Galea ressaq talba għall-informazzjoni dwar jekk il-Kunsill jistax japplika f'isem resident anzjani biex jużaw faċilità sportiva ta' Bormla, partikolarment il-pool, mingħajr ħlas. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan u kien hemm qbil li l-Kunsillier Sciberras li semma dan is-suġġett fil-laqgħa preċedenti, se jipprova jikseb l-informazzjoni meħtieġa u jgħaddiha lis-SE.

13.11.05 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar boroż suwed tal-iskart domestiku li qed jitpoġġew maġenb l-istage fi Triq Karmenu Ciantar. Is-SE infurmat li hemmhekk twaħħlet anke tabella laminated b'mod tempranju sabiex ma jibqgħux jarmu hemm, iżda li skont il-Kunsillier Sciberras din inqalgħet għax ma twaħħlitx tajjeb. Is-SE se tieħu ħsieb li din teħel sew. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

13.11.06 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar il-*cat eyes* li hemm imwaħħlin fit-triq fi Triq Valletta, li m'humhix daqshekk viżibbli u li huma perikolużi għal min jgħaddi bil-mixi minn fuqhom. Il-Kunsillieri iddiskutew fuqhom, iżda dawn huma parti mill-marki tat-triq

u ilhom installati u ma jistgħux jitneħħew. Tajjeb li wieħed jimxi minn fuq il-bankina biex jevitahom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**13.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/13**

13.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/13 ġiet approvata.

**13.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025.

IFFIRMATI

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

IFFIRMATI

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**